MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-25 ta' Awwissu, 2008

Numru 437/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Paul Mercieca**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva b’att ta’ citazzjoni kontra Paul Mercieca, bin Salvu u Kelina nee Camilleri, imwieled ix-Xaghra, Ghawdex, fit-12 ta’ Marzu 1960, detentur tal-Karta ta’ l-Identita` nru 15560G, talli fl-24 ta’ April 1994 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer (**1**) kellu fil-pussess tieghu id-droga erojina bi ksur tal-ligi, u, aktar (**2**) forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina bi ksur tal-ligi, (**3**) wettaq ir-reat fuq persuna li kien qed isegwi programm ta’ kura u riabilitazzjoni mid-dipendenza tad-droga, kif ukoll (**4**) li huwa recidiv b’sentenza li saret definittiva;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-28 ta' Novembru 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Paul Mercieca *"…hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu hlief ghall-akkuza li wettaq dan ir-reat fuq persuna li kien qed isegwi programm u dan ghaliex se mai dan huwa aggravju ta' l-akkuzi u ma jinkwadrax bhala akkuza per se, u ghalhekk filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-akkuza, tikkunsidraha bhala aggravju ta' l-akkuzi l-ohra"*, u kkundannatu ghall-piena ta' sena prigunerija u multa ta' Lm500;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Paul Mercieca, minnu pprezentat fil-11 ta' Dicembru 2007, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' dik il-parti tas-sentenza li permezz taghha huwa gie b'xi mod misjub hati u kkundannat;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partjiet fid-diversi udjenzi; semghet bil-gurament lill-Ufficjal tal-*Probation* Mariella Camilleri fl-udjenza tal-25 ta' Lulju 2008; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu bazikament zewg aggravji. L-ewwel wiehed, li huwa jsejjahlu "aggravju koncernanti dritt kostituzzjonali", jirrigwarda t-tul li hadu l-proceduri kontra tieghu sa ma nghatat is-sentenza li minnha qed isir dana l-appell; it-tieni aggravju jirrigwarda l-meritu, u permezz tieghu l-appellant jargumenta li ma hemmx provi sufficjenti li a bazi taghhom huwa kellu jinstab hati kif effettivament iddikjaratu l-ewwel qorti.

Kwantu ghall-ewwel aggravju, l-appellant jilmenta mit-tul li hadu dawn il-proceduri sa qabel ma nghatat is-sentenza li minnha qed isir l-istess appell. Skond l-appellant dan jammonta ghal lezjoni tad-dritt fondamentali tieghu ghal smiegh fi zmien ragjonevoli kif sancit bl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. Ghalkemm l-appellant, fir-rikors tieghu, ma jitlobx espressament li din il-Qorti tirreferi din il-"kwistjoni kostituzzjonali" lill-Prim Awla tal-Qorti Civili[1], tali referenza

[1] Huwa jghid biss, fl-ahhar paragrafu tar-rikors tieghu, hekk: *"…jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha fl-ewwel lok tikkunsidra l-aggravju preliminari ta' natura kostituzzjonali hawn fuq imsemmi f'dan ir-rikors u tiehu dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni…"*

ssemmiet fit-trattazzjoni ta’ l-abbili difensur tieghu, kemm fl-udjenza tat-18 ta’ April 2008 kif ukoll f’dik tal-25 ta’ Lulju 2008. Issa, huwa minnu li l-fatt jew fatti li jammontaw ghar-reati addebitati jirrisalu ghal April ta’ l-1994 u x-xhur ta’ qabel. L-appellant tressaq b’att ta’ citazzjoni (mhux b’arrest) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) biss fit-3 ta’ Settembru 1999, u dan, presumibbilment, sabiex jilhaq jinqata’ l-kaz ta’ Victor Curmi, cioe` tal-persuna li, skond il-provi, kienet hadet l-erojina flimkien ma’ l-appellant (ic-citazzjoni giet prezentata fir-registru ta’ dik il-qorti fil-25 ta’ Frar 1999 u jidher li l-ewwel udjenza kellha tkun fis-16 ta’ April 1999, pero`, kif diga` nghad, l-ewwel udjenza saret biss fit-3 ta’ Settembru ta’ dik is-sena). Ghalkemm in-numru ta’ xhieda ma kienx xi wiehed kbir, kien biss fl-udjenza tas-26 ta’ Jannar 2005 li l-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq[2] (u dan wara li f’dik l-istess udjenza rrinunzjat ghax-xhud Dr Marlene Attard). L-appellant, allura imputat, xehed ghall-ewwel darba in difeza tieghu innfisu biss fit-8 ta’ Novembru 2006[3]. Huwa veru li kien hemm hafna differimenti, xi whud minnhom fit-tul, u ma’ dawn iridu jizdiedu dawk id-differimenti kollha mitluba mill-istess imputat permezz tad-difensuri tieghu[4]. Ghalhekk mid-data ta’ l-ewwel udjenza quddiem il-Qorti Inferjuri sad-data tas-sentenza ta’ dik il-qorti ghaddew ftit aktar minn tmien snin. Dan hu fatt innegabbli. Pero` din il-Qorti – il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali – mhix il-qorti li hija kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta’ xi ilment ta’ natura kostituzzjonali u, jekk dana l-ilment jirrizulta gustifikat, li taghti r-rimedju opportun. Din il-Qorti tista’ biss, jekk tqum xi kwistjoni kif imfisser fis-subartikolu (3) ta’ l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni[5], tirreferi dik il-kwistjoni lill-Prim Awla tal-Qorti Civili (kemm-il darba din il-Qorti ma tqisx li t-tqanqil ta’ dik il-kwistjoni kien semplicement frivolu jew vessatorju). Imbaghad, wara li dik il-“kwistjoni” tigi deciza mill-Prim Awla, din il-Qorti tiddisponi minn dik il-kwistjoni skond id-decizjoni tal-Prim Awla. Fi kliem iehor, biex

---

[2] Ara l-verbal a fol. 122 (numru *in calce*) ta’ l-atti.

[3] Fol. 139 *et seq.* Ghal xi raguni, il-kontro-ezami tieghu ma sarx dakinhar stess, u dan iddepona in kontro-ezami fil-31 ta’ Jannar 2007.

[4] Ara, fost ohrajn, id-dfferimenti mitluba mill-imputat a fol. 83, 113, 120, 123, 135, 136 (numri *in calce*).

[5] Jew fid-disposizzjoni korrispondenti tal-Kap. 319, u cioe` l-Artikolu 4(3) ta’ dik il-ligi.

verament jista' jinghad li hemm "kwistjoni" li ghandha tigi rimessa ghad-decizjoni tal-Prim Awla (salv dejjem li t-tqanqil ma jkunx semplicement frivolu jew vessatorju), il-kwistjoni trid tipprezenta ruhha f'forma ta' "ostakolu" li, qabel ma jigi sorvolat jew snodat bid-decizjoni tal-Prim Awla, il-qorti li quddiemha dik il-kwistjoni tkun qamet ma tkunx tista' tipprocedi oltre. Issa, fil-kaz in dizamina, anke jekk wiehed kellu ghall-grazzja ta' l-argument -- u din il-Qorti taghmilha cara li ma hi b'ebda mod tghid li kien hemm jew ma kienx hemm lezjoni ta' l-imsemmi Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni -- jghid li kien hemm lezjoni tad-dritt fondamentali ghal process fi zmien ragjonevoli, ir-remedju, skond il-gurisprudenza kostituzzjonali, ma hux dak li jigi stronkat, ossia li jieqaf, il-process penali, izda li jkun hemm kumpens finanzjarju. In fatti jista' jigi addirittura argumentat illi kieku din il-Qorti kellha tirreferi l-"kwistjoni" lill-Prim Awla, u allura tissospendi dawn il-proceduri penali pendenti l-ezitu tal-"kwistjoni", tkun qieghda hija stess tkompli taggrava l-posizzjoni ta' l-appellant billi tkompli ttawwal l-istess proceduri. In konkluzzjoni, ghalhekk, f'dana l-kaz din il-Qorti ma tara li hemm ebda kwistjoni fis-sens tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, u ghal din ir-raguni u fis-sens premess qed tirrespingi l-ewwel aggravju "koncernanti dritt kostituzzjonali".

Fil-meritu l-appellant jikkontendi li ma kienx hemm provi sufficjenti sabiex huwa jkun jista' jigi misjub hati li kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina, jew li ghaddieha lil haddiehor. F'dan ir-rigward din il-Qorti tosserva li l-unika prova sostanzjali li ressqet il-prosekuzzjoni huma d-deposizzjonijiet ta' Victor Curmi. Dana Curmi kien iddahhal l-Isptar Generali ta' Ghawdex fl-24 ta' April 1994 isofri minn *overdose* ta' erojina. Curmi ddepona fl-atti ta' l-inkjesta dwar l-*in genere* fil-25 ta' April 1994 fejn ta deskrizzjoni dettaljata ta' dak li kien ghadda minnu, u cioe` ta' kif hu u l-appellant odjern kienu marru biex jiehdu l-erojina flimkien li pprovda l-istess appellant. Huwa fisser li kien hemm okkazzjonijiet precedenti fejn hu u Mercieca kienu ghamlu l-istess haga. Din id-deposizzjoni huwa kkonfermaha quddiem l-ewwel qorti u fil-presenza ta' l-imputat Mercieca fit-12 ta' Novembru 1999. Kien mistenni,

naturalment, li d-difiza tipprova taghmel hilitha kollha biex tipprova tiskredita lil dan Curmi. Din il-Qorti ezaminat bl-akbar reqqa in-nota ta' osservazzjonijiet (ta' erbatax-il faccata) ta' l-imputat ta' l-20 ta' Marzu 2007, kif ukoll l-argumenti kollha migjuba fir-rikors ta' appell; ezaminat minuzjozament id-deposizzjonijiet kollha izda b'mod partikolari dawk ta' Victor Curmi tat-12 ta' Novembru 1999 u tat-28 ta' Settembru 2005[6], u ta' l-appellant, allura imputat, tat-8 ta' Novembru 2006 u 31 ta' Jannar 2007; u hi sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-verzjoni moghtija mill-imsemmi Curmi ta' kif sehhew l-affarijiet hija l-verzjoni vera u korretta. Din il-Qorti, infatti, aktar ma qrat id-deposizzjoni ta' Curmi, u specjalment it-twegibiet tieghu in kontro-ezami, aktar irradikat fiha dan il-konvinciment. Curmi kien dejjem konsistenti filli jindika lil Mercieca bhala l-persuna li kien jghaddilu l-erojina biex jabbuzaw minnha flimkien. Ghalhekk l-aggravju fil-meritu qed jigi wkoll respint.

Nigu issa ghall-piena. Din il-Qorti, a differenza ta' l-ewwel qorti, ghandha l-vantagg ta' l-ghajnuna ta' *pre-sentencing report* imhejji mill-Ufficjal tal-*Probation* Mariella Camilleri. Dan ir-rapport jikkonferma dak li jemergi mill-provi u cioe` li fiz-zmien tar-reat – April 1994 – u ghal xi zmien wara, kemm l-appellant kif ukoll Curmi kienu jabbuzaw mid-droga erojina u kienu saru dipendenti fuqha. It-tnejn jidher li rnexxielhom jaqtghu l-vizzju, izda t-tnejn li huma ghad ghandhom bzonn ta' hafna ghajnuna biex jigi konsolidat il-progress li sar. B'mod partikolari b'referenza ghall-appellant, l-imsemmija Ufficjal tal-*Probation* tghid hekk:

**"Paul Mercieca ghandu impieg stabbli u fil-prezent qed jiffunzjona b'mod pozittiv fis-socjeta`. Huwa ghandu d-delizzji tieghu u l-hin liberu tieghu jqattghu mas-siehba tieghu. Minkejja dan huwa ghad jehtieg aktar ghajnuna sabiex ikompli jigi konsolidat il-progress konsiderevoli li huwa ghamel. Ta' min jinnota wkoll li minhabba li r-rekord t'abbuz ta' l-appellant f'dan il-kaz kien wiehed estensiv u mifrux**

[6] Ghal raguni mhux ghal kollox cara, il-kontro-ezami ta' Curmi, li kien beda fit-12 ta' Novembru 1999, gie sospiz fuq talba tad-difiza – ara fol. 56 – u dan tkompla biss fit-28 ta' Settembru 2005, meta allura dan Curmi kien jinsab taht kura psikjatrika.

**fuq diversi snin, il-hsara li lahqet saret fl-individwu hija wahda konsiderevoli u f'dan il-kaz certa servizzi ta' riabilitazzjoni li normalment wiehed jirrikorri ghalihom ma gewx utilizzati izda minflok gie mfassal pjan specifikament ghalih u dan sal-prezent qed jirnexxi."**

Il-Qorti tosserva wkoll li f'dan il-kaz jikkonkorru l-elementi kollha biex ikun applikabbli l-ewwel proviso tas-subartikolu (9) ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 101 – kif dan il-proviso gie interpretat minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-5 ta' Mejju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Marco Galea**. Dan ifisser li s-sentenza ta' prigunerija tista' tigi sospiza. Jigi osservat ukoll li r-raba' imputazzoni – dik tar-recidiva – ma tispecifikax li r-recidiva in kwistjoni hija skond l-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali; kieku dan gie specifikat, kien ikun hemm l-ostakolu ravvizat fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (7) ta' l-Artikolu 28A ta' l-imsemmi Kodici. Inoltre, f'dan il-kaz din il-Qorti tara li hati ghandu jitqieghed ukoll taht supervizjoni fit-termini ta' l-Artikolu 28G tal-Kap. 9, u bil-kundizzjonijiet kif indikati fl-ordni infraskritt.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti, filwaqt li qed tirrespingi z-zewg aggravji ta' l-appellant ghar-ragunijiet aktar 'l fuq spjegati, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddikjaratu hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu (b'dan li t-tielet "imputazzjoni" hija, kif gustament osservat l-ewwel qorti, semplicement aggravju tat-tieni imputazzjoni) kif ukoll fejn ikkundannatu sena prigunerija u multa ta' Lm500 (illum Euro1164.68), izda, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, tordna li s-sentenza ta' prigunerija m'ghadhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-periodu ta' erba' snin mill-lum l-imsemmi Mercieca jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija. B'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28G tordna wkoll li l-istess Paul Mercieca jitqieghed taht is-supervizjoni ta' l-Ufficjal tal-*Probation* Mariella Camilleri ghall-periodu ta' erba' snin mil-lum, matul liema periodu huwa ghandu jikkonforma ruhhu ma' l-imsemmija htigiet: (1) li jibqa' f'kuntatt ma' l-ufficjal sorveljanti skond dawk l-istruzzjonijiet li jista' minn zmien ghal zmien jinghata mill-imsemmija ufficjal sorveljanti, (2) li javzaha b'kull tibdil fl-

indirizz tieghu, (3) li matul l-imsemmi periodu huwa jgib ruhhu tajjeb u joqghod ghad-direttivi kollha ta' l-imsemmija ufficjal sorveljanti, inkluzi u in partikolari direttivi dwar kura psikjatrika, psikologika jew ta' xort'ohra li fil-fehma ta' l-imsemmija ufficjal sorveljanti tkun mehtiega biex huwa ma jergax jirkadi fil-vizzju tad-drogi, kif ukoll direttivi dwar l-ghoti ta' kampjuni ta' l-urina ghall-ezamijiet mehtiega, (4) li l-hati Paul Mercieca jidher quddiem din il-Qorti kull sitt xhur flimkien ma' l-imsemmija ufficjal sorveljanti fid-data u fil-hin li jigu komunikati lilu mill-istess ufficjal sorveljanti u konkordati mal-Qorti bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament tal-hati. Il-Qorti spjegat bi kliem car lill-hati r-responsabbilta` tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-periodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, kif ukoll il-konsegwenzi jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruhhu mal-htigiet imsemmija fis-subartikoli (2) u (3) ta' l-Artikolu 28G. Finalment il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-registratur ghas-subartikolu (8) ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. 9, u tordna wkoll li kopja ta' l-ordni ta' supervizjoni hawn anness (u formanti parti minn din is-sentenza) jigi minnufih konsenjat lill-hati u notifikat lill-ufficjal sorveljanti.

## QORTI TA’ L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum, 25 ta’ Awissu 2008**

**Ordni ta’ Supervizjoni – Artikolu 28G tal-Kap. 9**

Peress li b’sentenza moghtija llum **Paul Mercieca** bin Salvu u Mikelina nee Camilleri, imwieled fit-12 ta’ Marzu 1960 (numru tal-karta ta’ l-identita` 15560G), residenti 151A, Triq it-28 ta’ April 1688, Xaghra, Ghawdex gie ordnat li s-sentenza ta’ sena prigunerija moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fit-28 ta’ Novembru 2007 tkun sospiza ghal erba’ snin mil-lum skond ma’ jipprovdi l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali;

U peress li din il-Qorti hi wkoll tal-fehma li ghandu jsir ordni ta’ supervizjoni skond l-Artikolu 28G ta’ l-imsemmi Kodici;

Qieghed ghalhekk jigi ordnat li l-imsemmi **Paul Mercieca** jitqieghed taht is-supervizjoni ta’ l-Ufficjal tal-*Probation* Mariella Camilleri (hawn aktar ‘l quddiem “ufficjal sorveljanti”) ghall-periodu ta’ erba’ snin mill-lum u bis-segwenti htigiet:

(**1**) li huwa jibqa’ f’kuntatt ma’ l-ufficjal sorveljanti skond dawk l-istruzzjonijiet li jista’ minn zmien ghal zmien jinghata mill-imsemmija ufficjal sorveljanti,

(**2**) li javzaha b’kull tibdil fl-indirizz tieghu,

(**3**) li matul l-imsemmi periodu huwa jgib ruhhu tajjeb u joqghod ghad-direttivi kollha ta’ l-imsemmija ufficjal sorveljanti, inkluzi u in partikolari direttivi dwar kura

psikjatrika, psikologika jew ta’ xort’ohra li fil-fehma ta’ l-imsemmija ufficjal sorveljanti tkun mehtiega biex huwa ma jergax jirkadi fil-vizzju tad-drogi, kif ukoll direttivi dwar l-ghoti ta’ kampjuni ta’ l-urina ghall-ezamijiet mehtiega,

(**4**) li l-hati Paul Mercieca jidher quddiem din il-Qorti kull sitt xhur flimkien ma’ l-imsemmija ufficjal sorveljanti fid-data u fil-hin li jigu komunikati lilu mill-istess ufficjal sorveljanti u konkordati minnha mal-Qorti bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament tal-hati.

Tordna li kopja ta’ dan l-ordni tigi konsenjata minnufih lill-hati **Paul Mercieca** u notifikata lill-ufficjal sorveljanti.

V. DeGaetano
Prim’Imhallef

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------